A.L. 412 ta' l-2003

ATT TA' L-2003 DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (ATT NRU. XII TA' L-2003)

Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51 (1) (f) ta' l-Att dwar il-Professjoni tas-Saħħa, il-Ministru tas-Saħħa, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta'dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel.

(2) Dawn ir-regolamneti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru, 2003.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra-

"Kunsill" tfisser il-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel;

"President" tfisser il-President tal-Kunsill;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni ta' l-Elezzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel imwaqqfa bir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti;

"Ir-Registratur" tfisser ir-Registratur tal-Kunsill.

3. (1) Għandu jkun hemm Kummissjoni li tissejjaħ il-Kummissjoni ta' l-Elezzjonijiet għall-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel, u li tkun magħmula mit-tlett kummissarji ta' l-elezzjonijiet.

(2) F'Jannar ta' kull sena sussegwenti l-Kunsill għandu jinnomina Kummissjoni, li jkollha l-istess isem kif ukoll l-istess għadd ta' kummissarji ta' l-elezzjoni sabiex tmexxi l-elezzjonijet tal-Kunsill matul dik is-sena.

Nomina ta' kandidati.

4. Il-Kummissjoni għandha sa l-aħħar ta' Jannar, tara li jiġi ppubblikat fil-Gazzetta u l-gazzetti lokali kollha, avviż li jispeċifika il-post, ġranet u ħinijiet li matulhom jiġu aċċettati n-nomini għal kandidati għal elezzonijiet tal-Kunsill mir-Reġistratur.

L-avviż dwar in-nomina ta' kandidati għandu jiġi ppublikat.

5. (1) Meta l-Kummissjoni tkun avżata mill-President li jkun hemm vakanza fost il-membri eletti tal-Kunsill, din għandha, malajr kemm jista jkun, tara li jiġi pubblikat avviż fil-Gazzetta u fil-gazzetti lokali kollha ta' kuljum li jispeċifika l-post, il-granet u l-ħinijet li matulhom ir-Reġistratur jirċievi nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni tal-Kunsill.

(2) Kandidat għandu jiġi nominat bil-miktub fuq formula skond l-eżemplar li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Ikun x'ikun l-għadd ta' vakanzi li jkollu jimtela. Ebda persuna ma għandha tiġi nominata biex timla aktar minn vakanza waħda.

Kif issir elezzjoni.

6. (1) Jekk in-nominazzjonijiet riċevuti jkunu iżjed mill-għadd ta' vakanzi fil-Kunsill, għandha ssir elezzjoni.

(2) Il-Kummissjoni għandha, fi żmien tlett ijiem wara l-għeluq tan-nominazzojnijiet, tibgħat il-karta tal-vot lil kull wieħed mit-tobba residenti Malta u li jkunu reġistrati mall-Kunsill, u tinformhom dwar il-metodu ta' votazzjoni, kif ukoll fejn u il-granet sa meta il-voti għandhom jiġu mogħtija lura lill-Kummissjoni.

(3) Il-polza tal-vot li tintuża għall-elezzjoni għandha tkun skond l-eżemplar li hemm fit-Tieni Skeda li tinsab ma dawn ir-regolamenti, u għandha tkun iffirmata minn żewġ membri tal-Kummissjoni.

Mod tal-votazzjoni.

7. Votant għandu jivvota billi jagħmel salib wieħed hdejn l-isem tal-kandidat li għalih jivvota.

Ma ssir ebda votazzjoni wara il-ħin.

8. Ma jiġux aċċettati aktar voti wara li jkun skada il-ħin stabbilit mill-Kummissjoni.

Għadd tal-voti.

9. Kemm jista' jkun malajr wara l-votazzjoni , il-Kummissjoni għandha tgħodd il-voti.

Voti invalidi.

10. Meta numru ta' voti akbar milli jkun meħtieġ jiġi mniżżel fuq karta tal-vot, dik il-karta tal-vot għandha titqies bħala invalida mill-Kummissjoni.

Kandidati eletti.

11. Il-Kandidati eletti li jġibi l-akbar numru ta' voti għadhom jiġu dikjarati eletti mill-Kummissjoni.

Elezzjonijiet parzjali.

12. Jekk żewg kandidati jew aktar iġibu numru ta' voti ndaqs, għandha ssir elezzjoni parzjali bejn dawk il-kandidati skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Rappurtar tar-riżultat.

13. Il-Kummissjoni għandha minnufih tirraporta r-riżultat ta' l-elezzjoni lil Ministru responsabbli għas-Saħħa u l-istess riżultat għandu jiġi ppublikat fil-Gazzetta.

Deċizzjoni tal-Kummissjoni.

14. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq il-validita' ta' xi nominazzjoni , id-dritt ta' persuna biex tivvota, il-post li fih jiġu riċevuti l-voti u r-riżultat ta' l-elezzjoni huma finali u konklussivi.

L-EWWEL SKEDA

Formula ta' Nominazzjoni għal Kandidati għall-Elezzjoni fil-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel

Aħna, hawn taħt iffirmati, votanti bid-dritt li nivvotaw f'elezzjoni tal-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel għal:

(a) ħames infermiera reġistrati li wieħed minnhom jkun infermier reġistrat fit-tieni livell u ieħor jkun infermier li jkollu ismu mniżżel f'xi taqsima speċjali tar-Reġistru ta' l-Infermieri.

(b) Żewġ qwiebel li jkollhom liċenzja.

qegħdin hawnhekk ninnominaw lil…….(**)

reġistrat fi ……(**)
(Reġistru)

u li l-indirizz tiegħu ……(**)
bħala kandidat għall-elezzjoni msemmija.

Proponent: Isem……
(Ittri Kbar)

Firma…….. Data……

Reġistrat fi……

Min Jissekonda: Isem……
(Ittri Kbar)

Firma…… Data……

Reġistrat fi……..

DIKJARAZZJONI TAL-PERSUNA NOMINATA

Jiena, ……, li ismi jidher
(isem sħiħ f'ittri kbar)

fi …… naċċetta n-nominazzjoni ta' hawn fuq.
(Reġistru)

Data…… ……..
Firma tal-Kandidat

(**) F'ittri Kbar

IT-TIENI SKEDA

Polza tal-vot

GHAL-UŻU MINN……

VOTAZZJONI GHALL-ELEZZJONI TA' KANDITATI TAL-KUNSILL TA' L-INFERMIERA U QWIEBEL.

Ismijiet tal-Kandidati (f'ordni alfabetiku)	Agħmel salib f'din il-parti ħdejn l-isem tal-kandidat li għalih trid tivvota
……	……
……	……
……	……
……	……

IVVOTA GHAL……..KANDIDAT (1)
(biss)

(1) Firma ta' Kummissarju ta' l-Elezzjoni……

(2) Firma ta' Kummissarju ta' l-Elezzjoni……